# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2019.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 1012/2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Numru 1257/18**
**fl-ismijiet:**

**Carmelo sive Charles Cassar**
**(I.D. Numru 184657 M)**

**vs.**

**Alexander Joseph Zammit**
**(I.D. Numru 291262 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-16 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti Alexander Joseph Zammit sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru fuq riferit;

1.2. Illi intalbet ir-revoka tal-istess mandat izda din it-talba ma intlaqatx;

1.3. Illi l-procedura odjerna hi wkoll intiza biex jigi revokat l-istess mandat;

1.4. Illi l-iskop tal-istess hu essenzjalment biex il-vettura kolpita tkun tista' tigi debitament trasferita;

1.5. Illi l-flus ghall-istess trasferiment gia` thallsu izda billi gew sekwestrati bil-mandat fuq indikat dan it-trasferiment ma jistax isir;

1.6. Illi jekk il-mandat *de quo* jigi revokat il-vettura kolpita tkun tista tigi regolarment registrata;

1.7. Illi kemm -il darba r-rikors odjern jigi respint ir-rikorrenti odjern ikun kostrett jixtri l-vettura tieghu stess;

1.8. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti odjern adixxa din il-qorti biex din a bazi tal-artiklu 836(1) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12):

1.8.1. Tirrevoka parti minn dan il-mandat fejn jolqot it-trasferiment ta' vettura li l-flus taghha gia` huma depozitati fil-qorti; u

1.8.2. Dan, taht kull provediment li din il-qorti jidhrilha xieraq;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-19 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 13);

3.0. Rat ir-risposta datata l-1 ta' Novembru, 2018, li permezz taghha, l-intimat odjern sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 19):

3.1. Illi l-iskop ta' mandat ta' sekwestru hu proprju li s-sekwestrat jigi mwaqqaf milli jittrasferixxi l-assi tieghu;

3.2. Illi d-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti odjern ma taghti l-ebda konfort lill-intimat;

3.3. Illi ghalhekk jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti odjern jigu respinti;

4. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li fi procedura bhal dik in dizamina istharrig li ghandha taghmel il-qorti kolpita b'tali procedura hu biss wiehed ta' natura ta' "*prime facie*" *stante* li l-mertu veru u proprju jigi investigat *funditus* fil-kawza li tkun giet inizjata fir-rigward;

5. Illi konsegwentement isegwi li kwalunkwe konkluzjoni li din il-qorti tista' tasal ghaliha f'din il-procedura bl-ebda mod m'ghandha tigi kkunsidrata bhala gudizzju fil-mertu fuq riferit;

Ikkunsidrat:

6. Illi fil-vertenza in dizamina ssir referenza ghall-artiklu 836(1) (f) tal-Kap 12 li jistabbilixxi is-segwenti:

> "(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";

7. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart**, datata d-**29 ta' Lulju, 2005**, li rriferiet f'dan ir-rigward ghas-segwenti:

> "Il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog mandat kawtelatorju huma li:

“a. jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat;

“b. li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;

“c. li l-mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu; u

“d. li tali mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilita` tal-persuna li tkun talbitu”;

8. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Spiteri *et* vs. Charles Darmanin *et*** datata l-**25 t'Awwissu, 2010**, il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** irriteniet ukoll is-segwenti:

> “Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug tal-mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa', (ghal kollox jew in parti), fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat issa m'ghadux il-kaz”;

9. Illi minn ezami akkurat tal-atti, din il-qorti tosserva li ma intweriex kif setghu inbiddlu c-cirkostanzi minn meta nhareg il-mandat ta' sekwestru in dizamina;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjern ma irnexxilux jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

10.2. Takkolji r-risposti tal-intimat;

10.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**